MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-15 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 518/2004

**Daniel Pace Bonello f' ismu proprju u ghan-nom tal-minuri ibnu Edward Bonello**
**Vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur proprio et nomine ippremetta u talab hekk:

Peress illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996) twieled il-minuri EDWARD BONELLO u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-minuri numru 1392/1996 hawn anness u mmarkat bhala dokument Dok EB1.

Peress illi c-certifikat tat-twelid tal-minuri Edward Bonello, fil-parti fejn hemm indikat TAGHRIF DWAR MISSIER IT-TARBIJA, fil-kolonna fejn hemm ISEM U KUNJOM hemm

indikat DANIEL BONELLO (ILLEGITIMATE FATHER) u fl-istess parti fejn hemm indikat ISEM U KUNJOM IL-MISSIER U JEKK HUX HAJ JEW MEJJET hemm indikat MICHAEL BONELLO (ALIVE).

Peress illi permezz ta' sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-22 ta' Jannar, 2004 citazzjoni numru 1997/2000RCP fl-ismijiet Daniel Bonello vs Michael Bonello et li saret definittiva, dik l-Onorabbli Qorti iddikjarat illi l-konvenut Michael Bonello mhux missier Daniel Bonello kontra dak li jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-istess Daniel Bonello li jgib in-numru 895 tas-sena 1968 u dan skond l-artikolu 77 tal-Kodici Civili u konsegwentement li kull fejn hemm registrat li l-konvenut huwa missier l-imsemmi Daniel Bonello ghandu jigi kancellat u sostitwit bid-dettalji ta' Eric Pace Bonello li ghandu l-karta ta' l-identita numru 0392526(M) u skond id-dettalji kollha li jidhru mic-certifikat tat-twelid tal-istess Eric Pace Bonello, b'dan li ghandha tigi eliminata kull referenza ghall-konvenut Michael Bonello bhala l-missier ta' l-istess attur inkluz kull korrezzjoni ohra necessarja sabiex l-istess Michael Bonello ma jibqax jigi ndikat bhala missier l-attur, u minflok l-kjamat in kawza Eric Pace Bonello jigi ndikat bhala l-missier naturali ta' l-istess attur u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid ta' Daniel numru 895/1996 kif korrett.

Peress illi in vista ta' dawn ic-cirkostanzi u tibdil jehtieg illi ssir il-korrezzjoni relattiva anki fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Edward Bonello u dan peress illi issa l-informazzjoni mnizzla fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Edward mhix korretta u dan peress illi missier il-minuri issa sar Daniel Pace Bonello, filwaqt illi n-nannu patern huwa Eric Pace Bonello.

Jghid il-konvenut ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna illi ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri Edward Bonello numru 1392/1996 u dan billi fil-parti tac-certifikat fejn hemm indikat TAGHRIF DWAR MISSIER IT-TARBIJA fil-kolonna fejn hemm ISEM U KUNJOM minflok DANIEL BONELLO jitnizzel DANIEL PACE BONELLO

filwaqt illi fil-kolonna fejn hemm indikat ISEM U KUNJOM IL-MISSIER U JEKK HUX HAJ JEW MEJJET jigi kancellat isem Michael Bonello u jigi sostitwit bid-dettalji ta' ERIC PACE BONELLO li ghandu karta ta' l-identita' numru 0392526(M), inkluz kull korrezzjoni ohra necessarja.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-esponent jaderixxi ruhu mat-talba attrici u jirrmetti ruhu ghal-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi ghandha issir d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid in kwistjoni mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-Avviz ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-harga tas-7 ta' Dicembru 2004;
Rat l-affidavit ta' l-attur;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti jirrizulta sodisfacentement sostnut dak premess mill-attur fic-citazzjoni u ghalhekk it-talba tieghu timmerita li tigi akkolta.
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici kif dedotta, u tordna illi ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri Edward Bonello numru 1392/1996 u dan billi fil-parti tac-certifikat fejn hemm indikat TAGHRIF DWAR MISSIER IT-TARBIJA fil-kolonna fjen hemm ISEM U KUNJOM minflok DANIEL BONELLO jitnizzel DANIEL PACE BONELLO, filwaqt li fil-kolonna fejn hemm indikat ISEM U KUNJOM IL-MISSIER U JEKK HUX HAJ JEW

MEJJET jigi kkancellat isem Michael Bonello u jigi sostitwit bid-dettalji ta’ ERIC PACE BONELLO li ghandu l-karta tal-identita’ numru 0392526[M] inkluz kull korrezzjoni ohra necessarja.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------